**MALTA**

# KAMRA TAD-DEPUTATI

## KUMITAT PERMANENTI GĦALL-KONSIDERAZZJONI TA' ABBOZZI TA' LIĠI

*(Rapport Uffiċjali)*

**ID-DISA' PARLAMENT**

**Laqgħa Nru. 111**

**It-Tlieta, 13 ta' Novembru, 2001**

**Stampat fl-Uffiċċju ta' l-Iskrivan**
**Kamra tad-Deputati**
**MALTA**

**Prezz Lm1**

**ID-DISA'  PARLAMENT**

**Laqgħa Nru. 111**

**It-Tlieta, 13 ta' Novembru, 2001**

**Il-Kumitat iltaqa' fil-Palazz, il-Belt Valletta, fis-7.40 p.m.**

**Talba**

## MINUTI

*Il-Minuti tal-Laqgħa Nru. 110 li saret fis-7 ta' Novembru, 2001 ġew konfermati.*

## ABBOZZ TA' LIĠI DWAR IS-SOĊJETAJIET KOPERATIVI

## *CO-OPERATIVE SOCIETIES BILL*

*Skond riżoluzzjoni tal-Kamra fis-Seduta Nru. 554 tat-18 ta' Ġunju, 2001 il-Kumitat iltaqa' biex ikompli jikkonsidra dan l-Abbozz ta' Liġi.*

*L-Onor. Anthony Abela, President tal-Kumitati, jippresjedi.*

*(Ikompli mil-Laqgħa Nru. 108 tal-5 ta' Novembru 2001)*

**Klawsola 40 –** Bejgħ jew provdiment ta' oġġetti**.**

***Clause 40 -*** *Sale or provision of goods.*

*(Posposta fil-Laqgħa Nru. 105 tad-29 ta' Ottubru 2001)*

**ONOR. LAWRENCE GONZI (Viċi Prim Ministru u Ministru għall-Politika Soċjali)**: Mr Chairman, għal artiklu 40 se nipproponi din l-emenda:

"BI" Minflok il-klawsola 40 preżenti għandha tidħol din il-klawsola li ġejja:

"40. (1) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' kull liġi oħra, soċjetà li l-attività prinċipali tagħha tkun tikkonsisti fil-bejgħ jew fix-xiri jew il-provdiment ta' xi oġġett u, jew servizz, tista' tipprovdi fl-istatut tagħha, jew inkella xort'oħra tista' tikkuntratta mal-membri tagħha, li:

(a) kull tali membru li jipproduċi dawk l-oġġetti jew li jipprovdi dawk is-servizzi għandu jiddisponi minn, jew xort'oħra jirranġa għad-disponiment ta' kull ammont jew xi ammont jew proporzjon speċifikat, ta' dawk l-oġġetti jew servizzi lil jew permezz tas-soċjetà b'mod konformi ma' kull ftehim jew arranġament li jsir bejn is-soċjetà u terzi;

(b) kull tali membru għandu jixtri mingħand is-soċjetà l-materjal meħtieġ mill-membru għall-fini jew f'konnessjoni mal-produzzjoni ta' dawk l-oġġetti jew il-provdiment ta' dawk is-servizzi, f'kull ammont jew f'xi ammont jew proporzjon speċifikat, mis-soċjetà:

B'dan illi dawk ir-regoli jew obbligazzjonijiet għandhom ikunu direttament relatati, meħtieġa u proporzjonali għat-twaqqif u ħidma siewja ta' dik is-soċjetà kif ukoll li l-kompatibilità ta' dawk l-istess regoli u obbligazzjonijiet mad-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar il-Kompetizzjoni għandha, f'kull każ, tkun evalwata flimkien ma', u fil-kontest tal-kondizzjonijiet ekonomiċi prevalenti fis-suq relattiv b'mod partikolari mas-saħħa fis-suq li jkollha s-soċjetà konċernata.

(2) L-istatut, jew il-kuntratt, kif ikun il-każ, jista' wkoll jipprovdi għal kull penali raġonevoli u proporzjonata jew għal kull konsegwenza oħra li membru ta' soċjetà li jikser id-dispożizzjoni msemmija fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu jista' jeħel.".

*"BI" For the present clause 40 there shall be substituted the following clause:*

*"40. (1) Notwithstanding the provisions of any other law, a society whose principal activity consists in the sale or purchase or the provision of any goods and, or, services, may provide in its statute, or may otherwise contract with its members, that:*

*(a) every such member who produces such goods or provides such services shall dispose of, or otherwise arrange for the disposal of, the whole or any specified amount or proportion, of such goods or services to or through the society in conformity with any agreement entered into or arrangement made between the society and any third party;*

*(b) every such member shall purchase from the society the material required by the member for the purpose or in connection with the production of such goods or the provision of such services, in whole or in any specified amount or proportion thereof, from the society:*

*Provided that such rules and obligations shall be directly related, necessary and proportionate to the formation and proper functioning of the society and that the compatibility of such rules and obligations with the provisions of the Competition Act shall, in every event, be assessed together with and within the context of the economic conditions prevailing in the relevant market in particular the market power of the society concerned.*

*(2) The statute, or contract, as the case may be, may also provide for reasonable and proportionate penalties or other consequences to be incurred by a member of a society who acts in violation of the provision referred to in subarticle (1) of this article.".*

Sur President¸ naħseb li aħjar nagħti ftit *background* ta' dan l-artiklu li jolqot diversi aspetti u li ħa żmien twil biex wasalna għalih. Dan huwa artiklu li jittratta l-kompromess li ried jinstab bejn il-valur kruċjali għal koperativi u l-liġi dwar il-kompetizzjoni li ma' l-ewwel daqqa ta' għajn jista' jkun li jkunu jidhru konfliġġenti għal xulxin. Il-liġi dwar il-kompetizzjoni tgħid li individwi fin-negozju ma jistgħux jingħaqdu flimkien b'mod li bejniethom jikkontrollaw jew ikollhom pożizzjoni dominanti fis-suq u allura xi oġġetti jinxtraw jew jinbiegħu bi ftehim bejniethom f'ċirku magħluq. Fil-fatt il-motivazzjoni ta' din il-liġi hija preċiżament kompetizzjoni ġusta u allura kull konċett li jdgħajjef l-idea ta' kompetizzjoni għandu jiġi kkontrollat b'mod qawwi u jekk jista' jkun għandu jiġi eliminat. Dan huwa l-konċett tal-liġi dwar il-kompetizzjoni. Pero' mill-banda l-oħra l-konċett ewlieni u fundamentali ta' koperativa - jekk tneħħi dan tkun neħħejt l-ispirtu ta' koperativa - huwa li membri fin-negozju partikolari li jipproduċu prodott jew servizz jiftehmu bejniethom li l-prodott jew is-servizz tagħhom ibigħuh lill-istess koperativa jew soċjeta` li mbagħad tinnegozjah fis-suq hi.

Il-konċett ta' koperativa jfisser li membri minn jeddhom u volontarjament mas-sħubija tagħhom ikollhom joqogħdu għal ċerti regoli demokratiċi fi ħdan il-koperativa u dan ifisser li l-materja prima li għandhom bżonn biex jipproduċu dak il-prodott jew biex joffru dak is-servizz għandu jinxtara esklussivament mingħand is-soċjeta` li huma jkunu membri tagħha u bħala eżempju, hawnhekk nista' nsemmi l-ġwież. L-isfida li kellna hija kif nistgħu nżewġu dawn iż-żewġ konċetti flimkien u ħadna pariri ta' esperti barranin partikolarment ta' tnejn min-nies. Wieħed minnhom huwa l-Profs. Munchner li huwa professur Ġermaniż u li kien ħadem ħafna fuq il-liġi dwar il-koperativi li kienet għaddiet fl-1978. Dan huwa kkonsidrat bħala awtorita` internazzjonali fil-qasam tal-koperativi u aħna konna ffortunati li dan daħal fil-proċess ta' l-aġġornament tal-liġi tagħna biex issa wasalna għal dan l-abbozz ta' liġi. Pero' aħna ħadna wkoll il-parir ta' professur ieħor minn universita` Ingliża li bħalissa ma nistax niftakar kunjomu imma li għandi d-dettalji tiegħu – dawn lest li nipprovdihom aktar 'il quddiem - li huwa wkoll espert kemm fil-qasam tal-kompetizzjoni kif ukoll fil-qasam tal-koperattivi. Fil-fatt dan offra li jagħtina l-parir tiegħu fuq il-proposta li konna qegħdin infittxu biex insibu dan il-kompromess.

Aħna rajna wkoll il-liġijiet l-oħrajn ta' barra minn Malta għax din żgur mhijiex *issue* ta' Malta biss. Fil-fatt hemm numru kbir ta' pajjiżi li għandhom liġi dwar il-kompetizzjoni u liġi dwar il-koperativi bħal tagħna u allura ridna naraw pajjiżi oħrajn x'soluzzjonijiet sabu. Fuq pariri li ngħatawlna mill-avukat li jirrappreżenta l-uffiċċju tal-kompetizzjoni ġusta f'Malta rajna sentenzi mogħtija mill-qorti internazzjonali tal-ġustizzja li daħlet f'dan il-qasam. Fil-fatt f'ċerti każijiet din iddeċidiet li kien hemm regoli ta' ċerti

koperattivi barranin li kienu jmorru kontra l-prinċipju tal-kompetizzjoni u f'każijiet oħrajn kien hemm regoli li ma kenux imorru kontra u stabbilew ċerti parametri. Meta mbagħad ifformolajna l-artiklu in kwestjoni ċċirkolajnih lilll-*Apex* u lill-bord tal-koperattivi biex kulħadd ikun jista' jagħti l-parir tiegħu.

It-test li qed nippreżenta llum huwa d-*draft* finali ta' artiklu li għadda minn diversi emendi li jilħaq dan il-kompromess. Issa kif instab dan il-kompromess? U xi jgħid¸ fi ftit kliem, dan l-artiklu? Dan l-artiklu jgħid żewġ affarijiet. L-ewwelnett jistabbilixxi li huwa permess bil-liġi li jkollok koperattiva bi statut li fih ikun hemm regolamenti li jorbtu li l-membri jixtru l-materja prima tagħhom mingħand dik is-soċjeta` u fl-istess ħin jipprovdulha l-prodott jew is-servizz tagħhom. B'dan il-mod kollox jiġi *channelled* mis-soċjeta`. Jekk tneħħi din ma jkollokx koperattiva jiġifieri din bilfors trid teżisti għax inkella nkunu qegħdin inżarmaw il-konċett tal-koperattivi. L-artiklu jistabbilixxi li dan jista' jsir pero` jgħid ukoll li ma jfissirx li għax għandek statut b'dawn ir-regolamenti tista' timmonopolizza s-suq. Il-fatt li għandek statut b'dawn ir-regolamenti ma jfissirx *a priori* li tkun ksirt il-liġi. Huwa permess li jkollok dawn ir-regolmenti imma mbagħad waqt li s-soċjeta` tkun qiegħda tinnegozja jkun irid isir test biex jiġi stabbilit jekk dik is-soċjeta` tkunx qed tabbuża mill-pożizzjoni tagħha biex hi timmina l-kompetizzjoni ġusta kif regolata bil-liġi dwar il-kompetizzjoni. Fil-fatt l-artiklu jispeċifika l-parametri, it-test, l-evalwazzjoni u l-*assessment* kif għandu jkun.

L-artiklu jgħid li l-*assessment* irid isir billi tieħu in konsiderazzjoni l-kondizzjonijiet ekonomiċi prevalenti fis-suq. Per eżempju¸ jekk għall-grazzja ta' l-argument ikollok soċjetà waħda li prattikament ikollha l-kontroll tas-suq kollu tat-tadam, biex tara jekk ikunx hemm xi forma ta' *cartel* jew xi forma ta' arranġament li jkun qed jimmina l-kompetizzjoni, trid tgħid x'inhuma l-kondizzjonijiet ġenerali ta' dan is-suq tad-tadam f'pajjiżna u teżamina xi tkun qed tagħmel dik il-koperativa skond is-sitwazzjoni fis-suq lokali f'dak li għandu x'jaqsam mat-tadam. Qed insemmi t-tadam bħala eżempju tipiku imma dan l-argument jgħodd għall-oqsma l-oħrajn. Għalhekk din l-evalwazzjoni trid issir billi tieħu l-kondizzjonijiet ekonomiċi sħaħ, tara jekk ikunx hemm saħħa predominanti ta' koperativa waħda f'dak is-settur partikolari u tara jekk il-kompetizzjoni tkunx libera jew inkella tkunx qed tiġi mfixkla b'xi arranġamenti li jimmonopolizzaw is-suq b'mod partikolari mas-saħħa fis-suq li jkollha s-soċjeta` konċernata. Mela hawnhekk għandek żewġ kriterji marbutin ma' xulxin; is-suq partikolari fis-suq Malti u s-saħħa tas-soċjetà f'dak is-suq partikolari. Dan huwa t-test li jrid isir.

Illum f'pajjiżna għandna ħafna koperattivi. Per eżempju¸ fil-qasam tal-prodotti, li jistgħu jkunu agrikoli¸ għandek massa kbira ta' koperattivi pero` għandek koperattivi oħrajn li llum jipprovdu s-servizzi. Hawnhekk nista' nsemmi l-koperattiva *Outlook* li tipprovdi servizz f'dak li għandu x'jaqsam ma' *management* u *marketing*. Ovvjament il-membri ta' dik il-koperattiva bilfors iridu jaħdmu fi ħdan l-istess koperattiva pero' mbagħad trid tara jekk din ikollhiex pożizzjoni dominanti fis-suq. Din il-koperattiva m'għandhiex pożizzjoni dominanti fis-suq u li kieku kellha pożizzjoni dominanti wieħed ikun irid jara jekk fiċ-ċirkostanzi partikolari l-kompetizzjoni f'dak is-suq ikollhiex diffikultajiet jew inkella jkunx hemm moħbi xi arranġament partikolari biex jiġi determinat prezz partikolari fis-suq. Jekk isiru dawn it-testijiet u ma jinstabx li jkun hemm ksur tal-liġi dwar il-kompetizzjoni f'dan il-kontest allura l-koperattiva ma jkollha ebda diffikulta` għax tkun permissibbli skond il-liġi.

It-tieni punt li l-artiklu jistabbilixxi m'huwiex regolat fil-liġi tal-lum pero' qam fis-sentenzi li semmejt tal-qorti internazzjonali. Hawnhekk qed nirriferi għall-fatt jekk koperattiva tistax timponi penali fuq il-membri tagħha li jiksru r-regolamenti stabbiliti fl-istatut. Dawn is-sentenzi jgħidu li jekk ma jkunx hemm regola partikolari fl-istatut allura l-koperattiva ma tistax timponi penali fuq xi membru li jkun kiser xi ordni ta' l-istatut. F'dan l-artiklu qegħdin ngħidu li l-maġġoranza tal-membri jistgħu jiddeċiedu - irrid infakkar li dan huwa proċess demokratiku – li għandu jkun hemm artikli li jimponu penali fuq dawk il-membri li jiksru xi regola jew obbligazzjoni stabbiliti fl-istatut. Naħseb li l-affarijiet hekk għandhom ikunu għax lill-membri ħadd mhu qed jisfurzahom biex ikunu membri ta' dik is-soċjeta` pero` ladarba jagħżlu li jkunu membri jridu joqgħodu għar-regolamenti tagħha bħalma joqogħdu l-membri l-oħrajn kollha.

Dan huwa l-konċett li qiegħed jipprovdi dan l-artiklu li għandu l-approvazzjoni tal-bord tal-koperattivi u naħseb li din hija l-aħjar soluzzjoni li stajna naslu għaliha. Per eżempju¸ kien hemm min argumenta li

għandna neżentaw kompletament il-koperativi tagħna mil-liġi dwar il-kompetizzjoni. Fil-fatt kien hemm min għamel l-argument li l-koperativi għandhom ikunu eżenti mil-liġi dwar il-kompetizzjoni u rrid nagħmilha *on record* li dan m'huwiex aċċettabbli għall-gvern. Dan ifisser li bħall-kumpanniji, bħan-negozjanti u bħall-kummerċjanti l-oħrajn il-koperativi jridu jieħdu sehem fit-tkattir ekonomiku ta' dan il-pajjiż pero` dawn huma soġġetti għal-liġijiet dwar il-kompetizzjoni li għandna. Dan huwa prinċipju kardinali. Għalhekk qegħdin ngħidu li statut jista' jipprovdi dawn ir-regolamenti u sakemm ma jkunx hemm ksur tar-regoli ġenerali tal-kompetizzjoni f'dak li għandu x'jaqsam ma' pożizzjoni dominanti ta' soċjeta` allura f'dak il-każ il-koperativa tkun tista' topera bir-regolamenti li tistabbilixxi għaliha nnifisha u li huma parti fundamentali tal-konċett ta' koperativa.

**THE CHAIRMAN:** L-Onor. Karl Chircop.

**ONOR. KARL CHIRCOP**: Sur President, dan l-artiklu jinkwetani ftit għax narah ftit ristrett. Per eżempju¸ ftit xhur ilu kont qed nitkellem ma' pazjent tiegħi li jrabbi l-baqar li qalli li jinsab inkwetat għax kienu qegħdin jinħarġu liċenzji b`mod esaġerat biex ċerti raħħala li jrabbu l-baqar jimportaw baqar minn barra meta dawn huma marbutin b'ċertu ammont ta' kwoti. Apparti minn hekk dawn għandhom liċenzja li biex iżidu l-merħla tagħhom iridu jixtru l-baqar mingħand xulxin. Dan kien qed iwassal biex ikollna ammont eċċessiv ta' ħalib prodott lokalment aktar milli kellna bżonn. F'sitwazzjoni bħal din, il-gvern suppost ikun il-korp regolatorju ta' kemm għandhom ikunu l-kwoti u kemm suppost jinħarġu liċenzji. Huwa veru li strettament dan m'għandux x`jaqsam mal-koperativi imma ħafna drabi l-kwoti jaħdmu bihom il-koperativi wkoll u dan ikun jista' jiddistabilizza d-*demand and supply equation* tas-suq lokali. Allura hawnhekk tqum il-mistoqsija: Kif nistgħu norbtu lill-bidwi u lir-raħħal biex il-ħalib żejjed li jipproduċi ma jkunx jista' jbigħu x'imkien ieħor jew inkella jipproduċih fi prodotti oħrajn li mhux neċessarjament iridu jgħaddu *through* l-*MDP*? Naħseb li l-gvern ma jistax jaqbad u joħroġ liċenzji bl-addoċċ u jħalli lir-raħħala jimportaw baqar aktar milli jmisshom. F'dan is-sens qed jinkwetani l-aktar dan l-artiklu.

**ONOR. LAWRENCE GONZI**: Dan l-artiklu m'għandu x'jaqsam xejn ma' dan. Aħna mhux qed ngħidu x'jista' jew x'ma jistax jagħmel il-gvern imma qed ngħidu x'tista' tagħmel soċjeta` koperativa mal-membri tagħha. Hawnhekk qed ngħidu li jista' jkollok koperativa li torbot lill-membri li jogħġobhom jidħlu magħha biex il-prodott tagħhom ibigħuh biss lis-soċjeta` u l-materja prima jixtruha biss mingħand dik is-soċjeta`.

L-eżempju li qed isemmi l-Onor. Chircop huwa differenti u l-kwestjoni tal-liċenzji u l-kwoti li joħroġ il-gvern hija xi ħaġa oħra. Per eżempju¸ hawnhekk nista' nsemmi l-liċenzji tal-burdnara, il-liċenzji tat-*taxi drivers* u l-liċenzji għal spiżeriji. Dik hija xi ħaġa regolatorja differenti. L-artiklu ma jidħolx f'dan imma kulma qed igħid huwa li, per eżempju¸ aħna l-erbgħa nistgħu niddeċiedu li nagħmlu koperativa u minn jeddna nifthiemu u nintrabtu li kull prodott li nipproduċu, minflok inbigħuh lill-pitkalija, nagħtuh lill-koperativa u din tmur hemmhekk f'isimna l-erbgħa. Mingħajr dan l-artiklu, aħna l-erbgħa nkunu qed niksru l-liġi dwar il-kompetizzjoni. Għalhekk b'dan l-artiklu qed ngħidu li jekk aħna niffirmaw statut u jkollna t-tali obbligu ma nkunu ksirna ebda liġi imma jekk fis-suq Malti kollu aħna l-erbgħa biss nipproduċu dan il-prodott u allura jkollna pożizzjoni dominanti u nabbużaw minn dik il-pożizzjoni billi mmorru kontra l-konċetti tal-liġi dwar il-kompetizzjoni, aħna l-erbgħa u s-soċjeta` kollha kemm hi, inkunu qed nissottomettu ruħna għal-liġi dwar il-kompetizzjoni. Dan huwa l-konċett.

Il-preokkupazzjoni li esprima l-Onor. Chircop m'hijiex il-preokkupazzjoni li qed jindirizza dan l-artiklu. L-artiklu qed jindirizza kwestjoni kompletament differenti. Fil-fatt id-diffikulta` qamet b'riżultat ta' kawża li stabbiliet ruħha f'Malta. Illum hemm dubju dwar jekk bil-liġi dwar il-koperativi li għandna jistax ikollok sitwazzjoni fejn numru ta' nies fl-istess negozju jistgħux jiftehmu bejniethom¸ jipparteċipaw fi statut u jintrabtu li l-prodott u s-servizz tagħhom ipoġġuhom f'borma waħda. Dan l-artiklu sab it-triq li jissalvagwardja l-liġi dwar il-kompetizzjoni u lill-koperativi u jekk inneħħuh il-koperativi kollha jiġu soġġetti għal-liġi dwar il-kompetizzjoni. Jien nargumenta li f'dan il-każ il-koperativi kollha jkunu qed jiksru l-liġi dwar il-kompetizzjoni u allura nistgħu nżarmaw il-liġi u nkunu għamilniha għalxejn. Għalhekk kellna bilfors insibu t-triq tan-nofs li minn banda tissalvagwardja l-koperativi u mill-banda l-oħra tissalvagwardja r-regoli ġenerali tal-kompetizzjoni ġusta.

**ONOR. HELEN D'AMATO:** Allura jekk is-*supermarkets* ta' Malta kollha jiddeċiedu li jmorru f'koperattiva u jintrabtu li din tforni lis-*supermarkets* kollha¸ peress li dawn ikunu qed jagħmlu l-pożizzjoni tagħhom aktar soda mis-sempliċi ħwienet lokali, dawn ikunu qed jiġu f'konflitt mal-liġi dwar il-kompetizzjoni ġusta? F'dan il-każ dawn ma jkunux jistgħu jifformaw din il-koperattiva?

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Jekk, per eżempju¸ f'soċjeta` li tkun għadha se titwieled aħna niffirmaw karta biex nobbligaw lilna nfusna li l-prodott tagħna ma nbigħuhx lill-pitkalija imma nagħtuh lis-soċjeta` biex tmur tbiegħu hi lill-pitkalija, *a priori* nkunu ksirna l-liġi dwar il-kompetizzjoni. Pero' dan l-artiklu qed igħid li għall-koperativi biss - din hija eċċezzjoni għall-koperativi biss u ma teżistix fil-liġi dwar il-kumpanniji u f'ebda liġi oħra - huwa permissibbli li jkollok statut b'dawn l-obbligazzjonijiet. Madankollu ma jfissirx li jekk il-membri jkollhom pożizzjoni dominanti jistgħu jagħmlu li jridu u jikkontrollaw is-suq billi jiddettawlu l-prezzijiet u l-kondizzjonijiet tagħhom. Bl-istess eżempju li għadu kif ingħata, jekk is-*supermarkets* kollha ta' Malta jiddeċiedu li jingħaqdu flimkien f'koperattiva u jkun jirriżulta li għandhom pożizzjoni dominanti, f'dak il-każ, għandha tiġi applikata l-liġi dwar il-kompetizzjoni biex ma tħallix li dik is-sitwazzjoni dominanti tabbuża mill-kondizzjonjiet ekonomiċi f'dak is-settur partikolari. Għalhekk dawn jiġu soġġetti għall-kontrolli kollha tal-liġi dwar il-kompetizzjoni.

**THE CHAIRMAN:** L-Onor. Marie Louise Coleiro.

**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO**: Jien għadni konfuża fuq din! L-ewwelnett naħseb li qed nitkellmu fuq numru ta' konċetti differenti. Hawnhekk għandna l-kwestjoni tas-suq miftuħ u l-kwestjoni tas-suq intern tal-koperativi. Imbagħad hemm ukoll il-kwestjoni ta' l-istatut li jirregola lill-moviment koperativ u l-liġi dwar il-kompetizzjoni ġusta. Bir-rispett kollu, il-kwestjoni ta' l-istatut u dik il-klawsola partikolari lanqas nistgħu ma nagħmluhiex għax dik hija *part and parcel* mill-konċett fundamentali ta' koperativa. Inkella naqbdu u ngħidu li l-koperativi f'Malta ma jeżistux. Mela hawnhekk mhu qed nagħmlu xejn speċjali għax fuq dan jirregolana l-moviment internazzjonali. (Interruzzjonijiet) Dik nafu biha imma ma nafx jekk il-qorti rregolatx ruħha mal-*fundamentals* internazzjonali tal-koperativi. Kieku ma kellniex dik is-sentenza konna rridu naċċettawha għax lanqas għażla m'hemm. L-għażla li kien ikollna nagħmlu kienet tkun jekk il-moviment koperativ f'Malta rriduhx parti minn moviment globali jew le. Pero' dik lanqas irridu nsemmuha.

Sur President, jien għandi daqsxejn ta' konflitt ukoll f'dak li għandu x'jaqsam mas-suq intern. Per eżempju, jekk għas-saħħa ta' l-argument l-Onor. D'Amato għandha servizz u jien għandi bżonn dak it-tip ta' servizz, jien obbligata li mmur għand il-koperativa tagħha. B'dan il-mod jien ma nkunx qed nesponi ruħi għall-kompetizzjoni imma jista' jagħti l-każ li fuq is-suq ikun hemm ħafna aktar intrapriżi kummerċjali li m'humiex koperativi u li joffru dak it-tip ta' servizz. Pero' jekk jien niddeċiedi li mmur għas-servizz ta' koperativa - hawnhekk qed nirriferi għal koperativa ma` oħra - jista` jkun hemm xi ħadd mill-intrapriżi l-oħra li jressaqni quddiem il-kummissjoni dwar il-kummerċ ġust u jgħid li ma jkunx qed nipprattika tajjeb il-kummerċ? Jista' jkun hemm dan it-tip ta' konflitt?

**ONOR. LAWRENCE GONZI**: Naħseb li l-ewwelnett aħjar niċċaraw punt importanti ħafna. L-artiklu ma jippermettix li żewġ membri ta' koperativa jinnegozjaw bejniethom.

**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO**: Jien mhux żewġ membri semmejt imma koperativa ma' oħra.

**ONOR. LAWRENCE GONZI**: Koperativa ma' oħra hija kwestjoni oħra għax f'dan il-każ tkun qed tinnegozja f'suq miftuħ. Pero' ħalli nagħmel dan il-punt xorta waħda ħalli nkunu ċari. Dan l-artiklu ma jkoprix negozju li jsir bejn membri ta' koperativa. L-artiklu jkopri l-obbligu li kull membru jagħti l-prodott tiegħu lill-koperativa - mhux lil membru ieħor - jew jixtri l-materja prima tiegħu mingħandha. Dan ma jfissirx li qed noħolqu suq *micro* intern bejn il-membri li jinnegozjaw bejniethom.

**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO**: F'dak il-każ ikunu qed jinkisru r-regoli.

**ONOR. LAWRENCE GONZI**: Kollox sew. Issa ħalli ngħaddi għall-punt ta' l-Onor. Coleiro dwar in-negozju bejn koperativa u oħra. Hemmhekk għandek ir-regoli ġenerali tal-liġi dwar il-kompetizzjoni applikabbli kompletament u bla eċċezzjoni għax dawk huma ekwivalenti daqs koperativa ma' kumpannija u koperativa ma' negozjant. Hemmhekk m'hemmx distinzjoni u m'għandux ikun hemm. Id-distinzjoni li għandu jkun hemm hija li fil-moviment koperativ qed ngħidu li jista' jkollok statut li jorbot lill-membri li l-prodott tagħhom bilfors iridu jbigħuh lilek. Pero' f'dak li għandu x'jaqsam ma' suq miftuħ, jekk¸ per eżempju¸ kumpannija tas-*soft drinks* iġġiegħel ħanut jiffirma dokument biex il-prodott jixtrih mingħandha¸ tkun qed tagħmel xi ħaġa llegali u tkun qed tmur kontra l-liġi dwar il-kompetizzjoni¸ anke jekk tkun għadha lanqas inbiegħet kaxxa waħda. Bl-istess argument koperativa mhux suppost tiffirma dak it-tip ta' arranġament imma jekk nagħmlu hekk nistgħu nżarmaw il-koperativi kollha. Għalhekk il-liġi qed tgħid li l-istatut jista' jistabbilixxi dan u l-proċess jista' jsir imma ma jfissirx li dak il-proċess jista' jiġi abbużat bil-prinċipji ġenerali tal-liġi dwar il-kompetizzjoni. Dan huwa l-kompromess li nstab biex nissalvagwardjaw il-fundament tal-moviment koperativ, mingħajr ma nippreġudikaw ir-regoli ġenerali tal-kompetizzjoni ġusta.

**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO**: Sur President, jien m'inix qed naqbel fuq il-bażi ta' dan l-argument. Jien qatt ma nista' naċċetta li nħares bl-istess lenti lejn koperativa u kumpannija u din mhijiex xi ħaġa li faqqastha f'rasi jien. Fil-fatt dokument ta' l-*ILO* dwar il-koperativi - nassumi li l-Viċi Prim Ministru kien preżenti għal-laqgħa ta' l-*ILO* li saret din is-sena f'Ġinevra li kienet ukoll dwar il-koperativi - igħid ċar u tond li l-koperativi trid tħares lejhom b'mod differenti mill-kumpanniji kummerċjali. Fil-fatt paragrafu minnhom igħid b`mod speċifiku li l-kwestjoni tal-kompetizzjoni nnifisha ma tistax tapplikaha bl-istess mod ta' kif tapplikaha għall-finijiet ta' kumpanniji kummerċjali għax jekk nitilqu mill-istess bażi ma jkunx hemm differenza. Kumpannija hija mwaqqfa għall-profitt tal-profitt tal-profitt u koperativa hija mwaqqfa biex l-ewwelnett tissalvagwardja lin-nies. Din id-distinzjoni għandna nagħmluha ċara.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** L-artiklu jistabbilixxiha din id-differenza.

**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO**: Le, mhuwiex qed jagħmel din id-differenza. Per eżempju, jekk iI-koperattiva dwar il-produtturi tal-ħalib għandhom kampanja ta' *marketing,* ma jistgħux imorru fuq l-*Outlook*. Jekk ikun hemm xi ħaddieħor iridu jikkonsidrawh ukoll għax inkella jkun hemm prattika ħażina ta' kompetizzjoni.

**ONOR. HELEN D'AMATO**: Fl-aħħar mill-aħħar wieħed mhux għand min jaqbillu jmur?

**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO:** Aħna qed ngħidu li *a priori* wieħed lanqas jista' jiddeċiedi b'dan il-mod. Per eżempju¸ jekk ikun hemm intrapriża li tiddeċiedi li tressaq il-*KPH* il-qorti din tkun tista' tagħmel dan fuq din il-bażi.

**ONOR. LAWRENCE GONZI**: Aħna qegħdin hawn biex nissalvagwardjaw lill-koperativa.

**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO**: Le¸ aħna qegħdin hawn biex nissalvagwardjaw il-moviment. Tant hu hekk li llum qed nagħrfu lill-*Apex* u dan huwa l-animu kollu tal-liġi.

**ONOR. LAWRENCE GONZI**: Ippermettili ftit ħalli nkunu ċari. Bħala prinċipju l-gvern ma jista' qatt jaċċetta li jippermetti li kull forma ta' kif isir in-negozju f'pajjiżna jiġi wżat biex ikollu sitwazzjoni ta' monopolju li jkun 'il barra mill-kontroll tal-liġi dwar il-kompetizzjoni. Jekk noħolqu dan it-tip ta' mostru nkunu qed nagħmlu żball kbir. L-Onor. Coleiro mhux qed tgħid hekk imma dan irridu nifhmuh sewwa. Jekk fil-liġi nagħmlu li koperativa tista' tiftiehem ma' koperativa oħra u prattikament jikkontrollaw is-suq inkunu ħloqna metodu kif f'daqqa waħda kulħadd jiskappa mir-responsabbiltajiet tal-liġi dwar il-kompetizzjoni, jimmonopolizza s-sitwazzjoni, joħloq *cartel* u jikkontrolla s-suq. Dan huwa ħażin, huwa perikoluż għall-ekonomija u ma jistax isir. Dan huwa konċett fundamentalment żbaljat u jmur kontra l-kompetizzjoni libera.

**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO**: L-*Apex* x'qed igħidu fuq din? Qed jaqblu ma' dan il-*format*?

**ONOR. LAWRENCE GONZI**: Iva, qed jaqblu ma' dan il-format. Dan huwa prinċipju ġenerali u ma jaqblilniex niċċaqilqu minnu għax dan mhu fl-interess ta' ħadd. Filwaqt li dan għandu jkun il-prinċipju kardinali lanqas nistgħu nħallu li dan ikun ifisser li lanqas biss tista' tifforma koperattiva għax malli tpoġġi bil-qiegħda u tagħmel statut, jiġifieri tkun għadek lanqas bdejt tinnegozja bħala koperattiva, dak fih innifsu jkun ksur tal-liġi dwar il-kompetizzjoni. Dan l-artiklu jagħmel eċċezzjoni għar-regola ġenerali proprju għax jittratta l-koperattivi differenti minn forom oħrajn ta' negozju u jgħid li *a priori* m'huwiex illegali li jkollok statut b`dawn ir-regolamenti.

**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO**: Din bħall-argument fuq l-istatut.

**ONOR. LAWRENCE GONZI**: Onor. Coleiro, jekk ma nagħmlux dan l-artiklu se neħlu. Jekk ikollok kumpannija li tobbliga lix-*shareholders* jagħmlu l-istess ħaġa din tkun qed tikser il-liġi dwar il-kompetizzjoni. Dik hija d-differenza.

**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO**: Jien ma jinteressanix mill-kumpanniji għax hawnhekk qegħdin niddiskutu l-koperattivi u mhux il-kumpanniji. Jekk noqgħodu nsemmu l-kumpanniji nkunu qed inċappsu l-oġġettivi tal-liġi tagħna.

**ONOR. LAWRENCE GONZI**: Inti għidt li għandna nagħmlu distinzjoni bejn koperattivi u kumpanniji u jien qed ngħidlek li dan l-artiklu proprju qed jagħmel din id-distinzjoni.

**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO:** Bir-rispett kollu, inti qed tibbaża kollox fuq l-istatut. (Interruzzjonijiet) Probabbilment uħud mill-membri ta' l-*Apex* jaqblu magħha.

**THE CHAIRMAN:** L-Onor. Anġlu Farrugia.

**ONOR. ANĠLU FARRUGIA**: Fl-introduzzjoni li għamel il-ministru semma li kien hemm konsultazzjoni ma' Profs. Munchner li huwa Ġermaniż u ma' professur Ingliż. Saret ukoll riferenza għal diversi deċiżjonijiet li ngħataw minn qrati internazzjonali li warajhom kien hemm ċertu ħsieb u direzzjoni, għalkemm kien hemm deċiżjonijiet li jmorru kontra wkoll. Per eżempju¸ kien hemm deċiżjonijiet li jmorru favur il-konċett li wieħed jipprova jilħaq bilanċ bejn il-liġi dwar il-koperattivi u l-liġi dwar il-kompetizzjoni ġusta u dwar kif wieħed jipprova jagħmilhom jaħdmu flimkien. Pero' li ma semmejniex huwa l-iżvilupp immedjat ta' l-istorja tal-koperattivi f'Malta, għalkemm f'dan ir-rigward għadna prattikament friski.

Sur President, il-klawsola li ġiet ippreżentata llum qed tameljora l-konċett ta' kompetizzjoni ġusta¸ li kulħadd jemmen fih. Il-ministru għamel sew li ta l-eżempju tas-*soft drinks* imma dan ma jfissirx li għandek tagħmel *cartel* koperattiv, biex ngħidu hekk. Per eżempju¸ jien ħadt pjaċir li qam il-każ tal-kummissjoni għall-kummerċ ġust meta ġiet deċiża dik is-sentenza li bħala avukat għandi r-riżervi tiegħi dwarha. Nifhem li l-*legal niceties* tagħha tidħol f'dawn l-affarijiet ukoll u ħadd m'għandu għalfejn joqgħod igħid kemm hu b'saħħtu biex jiddeċiedi. Il-*bulldozing*, ikun fejn ikun, huwa dejjem ħażin.

Xi ħaġa li rrid ngħid ukoll hija li l-*KPH* tbigħ ċertu għalf li xjentifikament huwa inferjuri u membru tagħha li jipproduċi l-ħalib bil-baqar tiegħu u li wara jieħdu f'koperattiva oħra li hija l-*Malta Dairy Products* - ma rridux ninsew li fl-1972 kien hemm ftehim bejn il-*KPH* u l-*MDP* fuq il-kwestjoni tas-sussidju - ma jistax jixtri mingħand ħaddieħor jew iġib l-għalf huwa stess għax inkella taqbeż fuqu l-istess koperattiva. Għalhekk jien naħseb li wieħed għandu jieħu in konsiderazzjoni l-kondizzjonijiet ekonomiċi u s-saħħa tas-suq u jagħmel *bracket* biex ma jħallix li l-koperattiva tkun tista' tagħmel li trid, x'ħin trid u mal-membri li trid¸ minkejja li jkollha l-protezzjoni ta' l-istatut u r-regolamenti tal-liġi.

Għalhekk dak li nixtieq nistaqsi huwa dan: Min se jiċċekkja dawn iċ-*checks and balances*? Irrid niddikjara b`mod personali li l-emenda hija ħafna aħjar minn kif kien l-artiklu 40, li kien artiklu drakonjan. Nixtieq nistaqsi wkoll kif se jiġi *supervised* dan il-*body*. F'każ li jkun hemm ilment minn membru ta' koperattiva se nħallu f'idejn il-qorti? Jekk inhu hekk huwa mportanti li kull ġudikant li

jkollu każ quddiemu ta' din il-kwalita` għandu jieħu in konsiderazzjoni l-istorja tal-koperativi f'pajjiżna biex ħadd ma jieħu xi deċiżjoni li tista' ma tkunx fl-interess nazzjonali. Dan irid jara wkoll li l-pass li jkun se jittieħed ikunx fl-interess nazzjonali tagħna jew ikunx, b'xi mod avventuruż u allura jagħmel aktar ħsara lill-interpretazzjoni. Qed ngħid dan għax ċerti ġudikanti jkunu aktar avventurużi mill-*comics*!

Sur President, ma rridux ninsew li l-istorja tal-koperativi f'Malta hija riċenti ħafna. Per eżempju, jekk naraw x'ġara f'pajjiżi bħall-Jugoslavja nsibu li qabel ma kellhom problemi politiċi kbar, kellhom storja twila ta' parteċipazzjoni u linja ta' koperativi. Hemmhekk kien hemm ħafna każijiet li ma ġewx ikkwotati għax ma kenux ippubblikati internazzjonalment. Jien nemmen li fl-iżvilupp tal-koperativi f`Malta rridu nimxu bil-mod u tajjeb biex ma ssirx ħsara li tista' toqtol il-konċett tal-koperativa. *This is a thin line* li huwa kważi suwiċidjali fuq kull parti. Għalhekk huwa mportanti li min se jagħmel *supervision* u min se jagħti l-interpretazzjoni ta' dan il-*proviso*, irid iżomm dawn l-affarijiet f'moħħu. Allaħares jittieħdu ċerti deċiżjonijiet kif ġara f'pajjiżi oħra. Per eżempju¸ bħalissa qed niftakar fil-*high trees case* li dawret rivoluzzjoni sħiħa fil-kamp kummerċjali u xxukkjat lill-ġurisprudenza Ingliża għax l-imħallef, *Lord Denning*, dejjem ried ikun differenti mill-oħrajn. Il-verita` hija li fl-interess nazzjonali tkun saret il-ħsara. Din qed nirreġistraha b'responsabbilta` kbira bħala membru parlamentari f`dan il-Kumitat biex 'il quddiem insibuha bħala riferenza.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Sur President, hawnhekk nixtieq nagħmel kumment wieħed biss li naħseb li huwa mportanti li wieħed jirreġistrah ukoll biex kulħadd ikollu stampa sħiħa ta' dak li qed ngħidu. L-ewwelnett aħna ħdimna fuq x'qalu l-qrati barranin, partikolarment il-*European Court of Justice* li daħlet fi kwestjoni bħal din. Fil-fatt dan kien każ li ġibidli l-attenzjoni dwaru u bagħatli l-materjal dwaru Dr. Eugene Buttigieg li huwa l-avukat ta' l-uffiċċju tal-kompetizzjoni ġusta f`Malta. Dan il-każ kien qam fl-1994 u jġib id-dettalji *Gottrup vs Klim*. Bil-permess ta' l-Onor. Membri se naqra żewġ paragrafi bl-Ingliż biex kulħadd ikun jaf x'qalet din is-sentenza u kif ippreżentajna l-artiklu quddiem dan il-Kumitat. Jingħad li:

> *"The case involves a cooperative society that included a clause in its statute which forbids its members from participating in any other form of organised competition forcing members to purchase their supplies from the coopertive. This is typically the scenario covered by article 40 of our Bill. The Court judgement concludes that this clause does not breach article 81(1) of the Treaty so long as the limitation is restricted to what is necessary to ensure that the cooperative functions properly and maintains its contractual power in relation to producers. This latter proviso is catered for in the proviso to article 40 of the bill, in essence therefore the clause is not a priori illegal but rather it is a priori legal subject to the overriding proviso.*
>
> *In paragraph 31 the judgement clearly states that the compatibility of the statutes of such an association that is a cooperative with the Community rules on competition cannot be assessed in the abstract. It will depend on the particular clauses in the statutes and the economic conditions prevailing on the markets concerned. Again this proviso that there is no a priori illegality or indeed a conflict with the competition rules.".*

Jien ikkwotajt mis-sentenza ta' din il-qorti u wieħed jinnota li l-qafas huwa rifless fl-artiklu partikolari.

**THE CHAIRMAN**: Hawn rimarki? (Onor. Membri: *No*) Il-mistoqsija hija l-emenda kif imressqa u moqrija mill-Viċi Prim Ministru. Dawk favur? (Onor. Membri: *Aye*) Dawk kontra? *Agreed.*

*L-emenda "BI" għaddiet nem. con.*

**THE CHAIRMAN**: Il-mistoqsija hija klawsola 40 kif emendata. Dawk favur? (Onor. Membri: *Aye*) Dawk kontra? *Agreed.*

*Klawsola 40, kif emendata¸ għaddiet nem. con. u ġiet ordnata biex issir parti mill-Abbozz ta' Liġi.*

**Klawsola 48 -** Dikjarazzjonijiet li jiġu ppreżentati lill-Bord.

***Clause 48 -*** *Submissions to the Bord.*

*(Posposta fil-Laqgħa 105 tad-29 ta' Ottubru 2001)*

**THE CHAIRMAN**: Il-Viċi Prim Ministru.

**ONOR. LAWRENCE GONZI***:* Sur President, nitlob il-permess tal-Kumitat biex l-emenda "AC" li ressaqna għall-klawsola 48 tiġi rtirata.

**THE CHAIRMAN***:* Hawn permess? (Onor. Membri: Iva)

*Il-permess ingħata u l-emenda "AC" ġiet irtirata*

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Sur President¸ issa se nipproponi din l-emenda:

"BJ" Minnufih wara s-subklawsola (6) ta' klawsola 48, għandha tidħol din is-subklawsola ġdida li ġejja:

"(7) Riferenzi f'dan l-artikolu għall-firma mill-awdituri jirreferu għall-firma ta' awditur jew awdituri li qed jiffirmaw f'isem soċjeta` (*partnership*) li jkunu awtorizzati jiffirmaw għaliha, f'dawk il-każijiet fejn il-kariga ta' awditur hija miżmuma minn soċjeta` (*partnership*)."

*"BJ" Immediately following subclause (6) of clause 48, there shall be added the following new subclause:*

*"(7) References in this section to signature by the auditor shall refer to the signature of an individual partner or partners signing on behalf of the partnership and authorised to sign on its behalf, in those cases where the office of auditor is held by a partnership."*

**THE CHAIRMAN**: Hawn aktar rimarki? (Onor. Membri: *No*) Il-mistoqsija hija l-emenda kif imressqa u moqrija mill-Viċi Prim Ministru. Dawk favur? (Onor. Membri: *Aye*) Dawk kontra? *Agreed.*

*L-emenda "BJ" għaddiet nem. con.*

**THE CHAIRMAN:** Il-mistoqsija hija klawsola 48 kif emendata. Dawk favur? (Onor. Membri: *Aye*) Dawk kontra? *Agreed.*

*Klawsola 48, kif emendata, għaddiet nem. con. u ġiet ordnata biex issir parti mill-Abbozz ta' Liġi.*

*Klawsola 1 u t-Titolu għaddew nem. con. u ġew ordnati biex isiru parti mill-Abbozz ta' Liġi.*

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Nipproponi li l-Iskrivan tal-Kamra jikkoreġi xi żbalji ta' l-ortografija, jagħmel ir-rinumerazzjoni meħtieġa u xi emendi żgħar li jista' jkun hemm bżonn.

**THE CHAIRMAN:** Il-Kumitat jaqbel? (Onor. Membri: Iva)

*Il-Kumitat qabel li l-Iskrivan tal-Kamra jkun awtorizzat li jikkoreġi xi żbalji ta' l-ortografija, jagħmel ir-rinumerazzjoni meħtieġa u xi emendi żgħar li jista' jkun hemm bżonn.*

*Il-Kumitat qabel li l-President tal-Kumitat għandu jirrapporta lill-Kamra li l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att biex jipprovdi għat-twaqqif, reġistrazzjoni u kontroll ta` soċjetajiet koperativi u għal ħwejjeġ li*

*għandhom x`jaqsmu magħhom jew li huma anċillari għalihom" għadda mill-istadju tal-Kumitat b'emendi.*

**THE CHAIRMAN:** Nirringrazzjakom. Il-Kumitat huwa aġġornat għal għada l-Erbgħa¸ 14 ta' Novembru, 2001¸ fis-7.30 pm.

*Fit-8.55 p.m. il-Kumitat ikkonkluda.*